

Stqarrija

21-10-2021 - 14:05
20211014|PR14913



Tibdil fil-klima: Ambizzjonijiet globali aktar għolja biex jinkiseb pożittiv fil-COP26



UN CLIMATE
CHANGE
CONFERENCE
UK 2021

IN PARTNERSHIP WITH ITALY

Il-MPE jissottolinjaw l-urġenza li jitħaffef il-pass tal-azzjoni klimatika fil-COP26 fi Glasgow © UKCOP26.ORG

- Il-pajjiżi kollha tal-G20 għandhom ikunu newtrali għall-klima sal-2050
- Mill-inqas \$100 biljun fis-sena f'finanzjament għall-klima għall-pajjiżi li qed jiżviluppaw
- Perjodu ta' żmien ta' ħames snin meħtieġ biex jitħaffef il-pass tal-azzjoni klimatika

Il-Parlament jinsisti għal azzjoni klimatika aċċellerata madwar id-dinja u biex l-UE tibqa' mexxejja dinija fil-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima.

Il-Parlament adotta l-pożizzjoni tiegħu dwar il-Konferenza tan-NU COP26 dwar it-Tibdil fil-Klima fi Glasgow, li se ssir mill-31 ta' Ottubru sat-12 ta' Novembru, b' 527 vot favur, 134 kontra u 52 astensjoni.

MT

Servizz ta' l-Istampa, Direttorat Ġenerali għall-Komunikazzjoni
Parlament Ewropew - Spokesperson: Jaume Duch Guillot
Numru tas-'switchboard' (32-2) 28 33000

Fir-riżoluzzjoni, il-MPE jesprimu tħassib li l-miri nazzjonali mħabba f'Pariġi fl-2015 se jirriżultaw f'tiċċin ferm ogħla minn tliet gradi sal-2100, meta mqabbel mal-livelli preindustrijali. Huma jgħidu li I-UE trid tibqa' mexxejja dinjija fil-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima u li I-MPE se jaħdmu biex jiżguraw li l-pakkett tal-klima "Fit for 55 in 2030" tal-UE jkun konformi bis-sħiħ **mal-Ftehim ta' Pariġi**.

Biex jitħaffef il-pass tal-azzjoni klimatika, il-MPE jridu li I-UE tissostitwixxi l-pjan attwali ta' 10 snin b'perjodu ta' żmien ta' ħames snin għall-pajjiżi kollha. Huma jgħidu wkoll li s-sussidji diretti u indiretti kollha għall-fjuwils fossili għandhom jitneħħew gradwalment fl-UE sal-2025 u jappellaw lill-pajjiżi l-oħra kollha biex jieħdu miżuri simili.

Il-MPE jfakkru li l-bijodiversità għandha rwol kruċjali biex tippermetti lill-bnedmin jiġi għieldu u jadattaw għat-tiċċin globali u jenfasizzaw li soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura huma soluzzjonijiet fejn jirba kulgħadd, li jinvolvu l-protezzjoni, ir-restawr u l-ġestjoni sostenibbli tal-ekosistemi fraġli.

II-G20 għandu jkun mexxej

In-nazzjonijiet kollha tal-G20 għandhom juru tmexxija globali u jippenjaw ruħhom li jiksbu n-newtralità klimatika sa mhux aktar tard mill-2050, skont il-MPE. Huma jappellaw ukoll lill-Kummissjoni biex toħloq klabb internazzjonali tal-klima ma' emittenti kbar oħra tal-gassijiet serra (GHG) bil-għan li jiġu stabbiliti standards komuni u tiżdied l-ambizzjoni madwar id-dinja, inkluż permezz ta' **mekkaniżmu komuni ta' aġġustament tal-karbonju fil-fruntiera**.

Huma jilqgħu r-ritorn tal-Istati Uniti għall-Ftehim ta' Pariġi u l-impenn tal-President Biden li jnaqqas l-emissionijiet tal-GHG tal-Istati Uniti bin-nofs sal-2030 meta mqabbel mal-2005. Il-MPE jistenne li ser ikun hemm miżuri ta' politika u finanzjament konkret biex jintlaħaq dan l-ġhan.

Filwaqt li il-MPE jirrikonox Xu r-rieda taċ-Ċina li tkun sieħba kostruttiva fin-negożjati globali dwar il-klima, huma mħassba dwar id-dipendenza tal-pajjiż fuq il-faħam. Huma jenfasizzaw il-pożizzjoni tagħhom li c-Ċina għandha turi iż-żejed ambizzjoni u li l-miri klimatiċi tagħha għandhom ikopru l-emissionijiet kollha tal-gassijiet b'effett ta' serra u mhux biss l-emissionijiet tad-diġġis tal-karbonju.

Aktar finanzjament għall-klima għall-pajjiżi li qed jiżviluppaw

Il-MPE jgħidu li l-pajjiżi żviluppati għandhom iwettqu l-wiegħda tagħhom li jiġi mill-inqas \$100 biljun fis-sena f'finanzjament għall-klima għall-pajjiżi li qed jiżviluppaw, filwaqt li jidu dak l-ammont mill-2025, meta l-ekonomiji emerġenti għandhom ukoll jibdew jikkontribwixxu. Għandu jintlaħaq qbil dwar pjan li jiddeskrivi l-kontribuzzjoni ġusta ta' kull pajjiż żviluppat għal dan il-pjan ta' finanzjament. Huma jridu wkoll jiżguraw li l-pajjiżi kollha li qed jiżviluppaw ikunu jistgħu jipparteċipaw fil-COP26 minkejja r-restrizzjonijiet tal-COVID-19.

Il-passi li jmiss



Delegazzjoni mill-Parlament immexxija minn [Pascal Canfin](#) (Renew, FR) se tkun fi Glasgow mit-8 sat-13 ta' Novembru.

Sfond

Il-Parlament ilu jinsisti għal leġiżlazzjoni tal-UE dwar il-klima u l-bijodiversità aktar ambizzjuża u ddikjara [emerġenza klimatika fit-28 ta' Novembru 2019](#). F'Ġunju 2021, il-Parlament adotta [I-Liġi Ewropea dwar il-Klima](#). Dan jittrasforma l-impenn politiku [tal-Patt Ekoloġiku Ewropew](#) għan-newtralitā klimatika tal-UE sal-2050 f'obbligu vinkolanti għall-UE u l-istati membri. Iżid ukoll il-mira tal-UE għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra sal-2030 minn 40 % għal mill-inqas 55 %, meta mqabbel mal-livell tal-1990. F'Lulju 2021, il-Kummissjoni ppreżentat [il-pakkett "Fit-for-55 in 2030"](#) biex l-UE tkun tista' tilħaq il-mira aktar ambizzjuża għall-2030.

Għal aktar informazzjoni

It-test adottat ser ikun disponibbli hawnhekk (21.10.2021)

Dibattu fil-plenarja

Intervista ma' Pascal Canfin (tiġid, FR), Kap tad-Delegazzjoni tal-PE għall-COP26 (20.20.2021)

Delegazzjoni uffiċċiali tal-Parlament Ewropew għall-COP26

Pakkett multimedjali dwar il-COP26

Tappi fil-proċedura (2021/2667(RSP))

Tappi fil-proċedura (2021/2924(RSP))

Tappi fil-proċedura (2021/2923(RSP))

Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza ta' l-Ikel

Kuntatti

Thomas HAAHR

Press Officer

📞 (+32) 2 28 42976 (BXL)

📞 (+33) 3 881 72033 (STR)

📱 (+32) 470 88 09 87

✉️ thomas.haahr@europarl.europa.eu

✉️ envi-press@europarl.europa.eu

🐦 [@EP_Environment](https://twitter.com/EP_Environment)



Servizz ta' l-Istampa, Direttorat Ġenerali għall-Komunikazzjoni

Parlament Ewropew - Spokesperson: Jaume Duch Guillot

Numru tas'-switchboard' (32-2) 28 33000